**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA'  LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TMIENJA U GĦOXRIN            27TA' OTTUBRU, 2021**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku s-Sur Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D'Amato,  Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur  Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **28.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 28.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **28.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 28.2.1 | | Fuq punt 27.5.1 il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-aħjar ħaġa hu li jsir rapport fuq l-isqaqin li għandhom bżonn manutenzjoni qabel isir ix-xogħol li intqal li ser isir fl-aħħar seduta.  Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-applikazzjoni li applika l-kunsill għaliha tal-fondi mil-Lesa intbagħtet hekk kif kien hemm qbil mill-Kunsill fl-aħħar seduta.  Ma kienx hemm ċans li terġa titressaq għax id-data kienet ser tiskadi fi żmien qasir.  L-applikazzjoni kienet intliet fuq lista ta' sqaqin u li tiftakar li kien imsemmi żgur hu Sqaq il-Ħelu minħabba li kien hemm diversi ilmenti fuqu, dawk ta' Triq San Mikiel u ta' Triq il-Karmnu.  Hi qalet li ma tiftakarx l-ismijiet tal-isqaqin l-oħra, imma l-istma tagħhom kienet saret xhur ilu mill-Perit, u inżammet mal-ammont li kienu jirrikjedu l-fondi tal-applikazzjoni. |
| | | |
| 28.2.2 | | Fuq punt 27.6.2 il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa fix wasal ix-xogħol.  Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li x-xogħol tal-ħajt ta' Triq il-Barrieri ser isir mill- |

| | | |
|---|---|---|
| | | ħaddiema tal-PW wara talba mill-Kunsill u ser issir ukoll il-bankina ta' Triq P P Saydon. |
| | | |
| 28.2.3 | | Fuq punt 27.6.1 il-Viċi Sindku staqsa fuq x'opinjoni għandu l-Kunsillier Joseph D'Amato fuq parkeġġ fi Triq il-Warda, wara li hu infurmat li mar jara l-post. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li min jipparkja vertikali mal-ħajt imsemmi, jkun qiegħed fil-periklu li jaħbat xi ħadd miegħu. Hu żied jgħid li ma jaqbilx li għandu jkun hemm parkeġġ vertikali.<br><br>Il-Viċi Sindku baqa jisħaq li għandu jonqos parkeġġ, minħabba li l-isqaq qed ikun ostakolat.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill mhux f'pużizzjoni li jtellef parkeġġi aktar, minħabba n-nuqqas ta' parkeġġ li jeżisti.<br><br>Is-Sindku qalet li tixtieq titlob il-parir ta' Transport Malta. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br><br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard qalet li jeħtieġ li l-Kunsill jsib art u jitlob għad-devoluzzjoni tagħha biex issir parkeġġ. Hi qalet li jekk taf li hemm periklu, għandu jonqos il-parkeġġ, imma l-każ ma kienx fuq il-periklu, imma dan l-ilment kien li jonqos il-parkeġġ minħabba garage eżistenti.<br><br>Il-Viċi Sindku talab li l-każ jgħaddi għal vot.<br>Wara vot kien hemm qbil li l-parkeġġ jibqa l-istess kif inhu bħalissa. |
| | | |
| | | |
| 28.2.4 | | Ġew approvati l-minuti tas-sebgħa u għoxrin - il seduta. |
| | | |
| ***28.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 28.3.1. | | Is-Sindku ferħet lill-Kunsillier Joseph D'Amato li reġa sar nannu. |
| | | |
| 28.3.2 | | Is-Sindku ħeġġet lill-Kunsilliera jibgħatu write up għall-Kunsill News sa nhar il-Ġimgħa. |
| | | |
| 28.3.3 | | Fil-21 ta' Novembru ser issir open day fil-Mitħna tax-Xarolla u quddiesa fil-kappella ta' Sant Andrija. Dak inhar stess ser issir fun run/walk biex jinġabru fondi għall-Community Chest Fund u ħeġġet lill-Kunsilliera biex jattendu. |
| | | |
| 28.3.4 | | Is-Sindku qalet li waqt l-attivita ta' Smiling Project kienu avżaw li laqgħa oħra ser issir f'Porto. |
| | | |
| 28.3.5 | | Is-Sindku qalet li ser jiġi organizzat Christmas Dinner għall-anzjani u tixtieq tagħmel l-attivita' f'Lukanda. Hi tablet lill-Kunsillier Marisa D'Amato biex tkanta |

| | | |
|---|---|---|
| | | fl-attivita'. Il-Kunsillier Marisa D'Amato aċċettat. L-attivita' ser issir fid-19 ta' Diċembru. |
| | | |
| 28.3.6 | | Is-Sindku ssuġġeriet li jsir party żgħir fejn jiġu mistiednin l-ħaddiema tal-Kunsill. Kien hemm qbil li ssir ikla bħas-soltu. Kien hemm qbil li issir fil-15 ta' Diċembru. |
| | | |
| | | |
| ***28.4*** | | ***NO ENTRY FOR HEAVY VEHICLES – Triq Sant Andrija/Triq Hal Far – Mistiden resident*** |
| | | |
| 28.4.1 | | Ir-resident ma attendix. |
| | | |
| | | |
| ***28.5*** | | ***Rappreżentantza mis-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM – Ċelebrazzjoni ta Jum iż-Żurrieq; Roundabout tad-daħla taż-Żurrieq; armar tal-Milied*** |
| | | |
| 28.5.1 | | Is-Sindku f'isem il-Kunsill, awgurat lill-President il-ġdid is-Sur Josef Cachia u lis-Sur Kevin Schembri tal-konferma tas-Segretarju tas-Soċjeta Mużikali Santa Katarina.<br>Is-Sinjuri preżenti qajmu l-punt li meta s-Sindku kienet ressqet il-proposta li f'Jum iż-Żurrieq jitpoġġew fjuri fuq il-monument tal-gwerra u fuq il-monument ta' Santa Katarina li jinsab f'Misraħ Repubblika, dak inhar il-Kunsill ma qabilx. Huma talbu spjegazzjoni u staqsew kif ser jimxi l-Kunsill fuq Jum iż-Żurrieq li jmiss.<br>Huma qalu li dak inhar is-Sindku poġġiet il-fjuri u xi kunsilliera attendew fuq rieda tagħhom u mhux bi qbil tal-Kunsill.<br><br>Il-President u s-Segretarju tas-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM qalu li jixtiequ li l-baned taż-Żurrieq jiġu involuti fl-attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq u Festa Ħut. Huma ssuġġerew li banda tagħmel programm barra u banda oħra tagħmel programm fuq ġewwa, ħalli ż-żewġ baned ikunu involuti.<br><br>Il-President u s-Segretarju tas-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM, staqsew fuq is-siġar tal-palm li hemm fir-roundabout tal-entratura taż-Żurrieq u li kien hemm qbil li tali palm jitneħħa għax itellef il-vista taż-żewġ monumenti. Il-Kunsill kien ħa deċiżjoni li jinqalgħu imma l-ELC ma kienetx qablet. Il-Kunsill ser jerġa jikteb u jenfasizza dak li kien hemm qbil fuqu.<br><br>Armar tal-Milied – fil-25 ta' Novembru jkun hawn iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' Santa Katarina VM. Is-Soċjeta trid li l-armar tal-milied tal-Kunsill jibda jintrama mis-26 t' Novembru u mhux minn qabel.<br><br>Is-Sindku infurmat li tali punti jiġu mqajma u diskussi waqt seduta u jingħataw risposta fuqhom. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***28.6*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 28.6.1 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal:<br>• li fi Triq Antonia Farrugia hemm bżonn li jsiru stoppers biex il-vetturi ma jkomplux isuqu fejn tispiċċa t-triq għax l-akwata perikoluża u barra minn hekk tali stoppers iżommu milli jinżel kwantita ta' ilma fl-akwati.<br>• Wied Babu jinsab mgħaluq kompletament u biex tinżel għalih triq taqbeż railing u tuża t-taraġ. Hu ssuġġerixxa li minflok railing issir gate. Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jitkellem mal-Public Works – mal-Perit Ray Farrugia, fuq dan ir-rigward. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jekk il-Gvern jidhirlu li art m'għandix tkun privata, jista jixtri l-art hu. Kien hemm qbil li jiġi ċċekjat bil-miktub jekk Wied Babu hux tal-privat jew le.<br>• Fi Triq Goswalda Calleja hemm għalqa li qed jidħol kwantita ta' ilma. Ġie ssuġġerit li ssir sleeping policeman ħalli jevitaw l-ilmijiet u kien hemm qbil fuq dan, dejjem jekk ir-residenti ta' fejn tkun ser titwaħħal, jaqblu magħha. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ser isir proġett tas-soak away u l-problema ser tittafa. Il-proċess imminenti li jibda.<br>• Il-permessi tal-gabbani tal-festi baqgħu dejjem l-istess nies fiż-Żurrieq. Hu ssuġġerixxa li l-gabbani jitilgħu bil-polza u ma jibqgħux dejjem l-istess bejjiegħa. Kien hemm qbil fuq dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu l-parir tal-avukat ħalli jekk il-każ jista jsir, tibeda l-proċedura.<br>• Bix-xieraq li jkollna tifkira ta' Gorg Sammut fil-Mitħna tax-Xarolla, bħal plakka ta' tifkira. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-persuna kienet titħallas fuq s-servizz li kien jagħmel. Hu staqsa li jekk il-Kunsill ikollu persuna oħra li tieħu ħsieb il-Mitħna, ser issir tifkira oħra għaliha? Kien hemm qbil li ssir triq ddedikata għalih.<br>• Il-fergħa taż-Żgħażagħ Laburisti jixtiequ li jħawlu pjanti f'Wied Fulija. Kien hemm qbil li tintalab permess tal-Wasteserv. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 28.6.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li l-attivita ta' San Martin ser issir fis-6 ta' Novembru, fil-Ġnien tal-Ġibjun, mis-13:00 'l quddiem. Ser ikun hemm min jagħmel it-tajr u qari ta' kotba tat-tfal. Ser issir borża ta' San Martin fil-frott. Il-prezz tar-reġistrazzjoni hu ta' 2Euro. |
| | | |
| 28.6.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• li fi Triq Salvu Psaila qed ikun hemm ħafna skart minn persuna. Is-Sindku qalet li ressqet il-każ lill-pulizija imma provi m'għandix.<br>• Fi Triq Gregorio Durante hemm garage li għandu bżonn double yellow lines.<br>• Fuq il-ġara ta' Dar Mattia Preti li baqa jidħlilha l-ilma mill-propjeta tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li intalab rapport il-perit.<br>• Il-kuntrattur tal-knies mhux qed jgħati servizz tajjeb. Il-Kunsill għamel ġimgħa sħieħa b'kennies wieħed. Hu insista li l-Kunsill għandu joħroġ default lill- |

| | | |
|---|---|---|
| | | kuntrattur. Kien hemm qbil li titnaqqas ġimgħa pagament ta' meta fiż-Żurrieq kien hawn kennies wieħed.<br>• Il-Kunsillier Kyle Mifsud issuġġerixxa li l-Kunsill iqabbad lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill biex jikinsu partijiet taż-Żurrieq huma. Kien hemm qbil fuq dan.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li dan il-kuntratt kien ittieħed li qbil li l-knies isir mekkanizzat u dan qatt ma sar. |
| | | Il-Vici Sindku ħareġ mis-seduta f'dan il-ħin (20:15) |
| | | |
| 28.6.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• il-kunċert tal-Milied mhux ser isir minħabba li s-sala tal-iskola mhix disponibbli.<br>• l-applikazzjonijiet biex tintuża l-Mitħna tax-Xarolla għandhom jitilgħu fis-seduta. Is-Segretarju qalet li tali talba ċerta li tressqet lill-Kunsillier Joseph D'Amato mill-istaff tal-Kunsill.<br>• Biex issir żabra tas-siġar ta' quddiem l-iskola. Is-Sindku qalet li x-xogħol sar din il-ġimgħa fost xogħlijiet oħra li saru.<br>• Ra kenniesa li jikinsu tajjeb ħafna u jfaħħarhom ta' xogħlhom<br>• Niġbdu l-attenzjoni fuq il-paletti tal-Mitħna biex jitkompla x-xogħol fuqhom<br>• Ftit fadal toroq mhux urbani xi jsiru b'wiċċ ġdid li huma Tal- Ħniena, Sqaq Rikka, minn fejn iċ-ċimiterju sa Ħal Millieri, Triq l-Għarajjex u Triq Ħal Lew. Kien hemm qbil li issir it-talba lill-Infrastructure Malta.<br>• Saret lista ta' toroq urbani li għandhom bżonn wiċċ ġdid - fin-Nigret HOS, Bubaqra HOS, Triq Sant Andrija u parti minn Vjal l-Indipendenza. Kien hemm qbil li ssir it-talba lill-Infrastructue Malta fuq dawn it-toroq ukoll.<br>• Fuq is-sit ta' Pedara kien hemm li mietu nies minn Pedara. Ġie ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jikteb lill-Kunsill ta' Pedara u juru s-soba tiegħu filwaqt li joffri għajnuna li l-Kunsill jista. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Rigward it-trakka tal-karozzi li ser issir f'Ħal Far, issemma biss Birżebbuġa u ż-Żurrieq ma issemmiex. Talab li tinkiteb ittra lill-awtoritajiet biex tinġibed l-attenzjoni li jitnaqqsu l-ħsejjes ta' din it-trakka. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Clifton Grima u lill-Ministri tad-distrett. Kien hemm qbil li tali ittra jiktibilna l-konsulent tal-Kunsill fuq PA.<br>• Il-Kunsill irċieva żewġ avviżi mil-konsulent tal-Kunsill, li qed jtieħu ħsieb l-applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar u ftit kunsilliera jwieġbu fuq il-każijiet. Hu ma jaqbilx li l-Konsulent kellu jibgħat ittra f'isem il-kunsill jew li xi ħadd mill-Kunsill kellu jawtorizza lil din il-persuna, tikteb f'isem il-kunsill jekk ma kienx hemm il-maġġoranza li qablu. Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa min kien li ta l-ordni biex dan isir meta ma kienx hemm kunsilliera biżżejjed li wieġbu. Hu żied jgħid li fit-tieni każ ma irrispondix għal-email, bi ħsieb, biex jara jekk ikunx hemm nuqqas ta' kunsilliera li jwieġbu u l-email tintbgħatx xorta. Wara diskussjoni, l-Kunsillier Kyle Mifsud, ġibed l-attenzjoni li fuq il-każ li inkitbet l-email, kien hemm 5 kunsilliera li qablu u kien għalhekk li l-konsulent bagħtha f'isem il-Kunsill. F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi għandha fiduċja amja fil-konsulent u fil- |

| | | |
|---|---|---|
| | | • ħin li intbgħatet l-email kien wara l-ħin tax-xogħol, għalhekk ma setgħetx kienet hi li tat l-ordni.<br>• Munzell ġebel fi Triq in-Nigret biex jitneħħa. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 28.6.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• li irċieva talba mingħand persuna li tixtieq tibda tagħmel kassijiet tal-yoga fiż-Żurrieq. Talab li min għandu idejat ta' post jitkellem mal-Kunsillier.<br>• Kien hemm persuna oħra li tixtieq tagħmel struttura biex tintuża mill-isports OCR, imma tali persuna għad trid tagħti aktar dettalji.<br>• Teżisti logħba Padel (speċi ta' tennis) li qed tkun invoga. Jeħtieġ li jiġi esplorat u jinstab spazju għal din il-logħoba. Din il-logħba qed trendi fondi tajbin.<br>• Persuna miż-Żurrieq kitbet fuq fb biex min għandu l-uniformijiet jgħaddihomla biex jintbgħatu barra minn Malta. Jeħtieġ li l-Kunsill javviċinha u jara f'hix jista jgħin. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 28.6.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud –<br>• Biex jinżabru s-siġar taż-Żebbuġ.<br>• Biex isir il-proġett ta' quddiem il-ħwienet ta' vjal il-Blue Grotto u Triq il-Wied li hemm it-triq tiżloq u sfrundata u li jitneħħa l-ħajt ta' faċċata tal-Convenince fi Triq l-Imqabba. Kien hemm qbil li terġa tinkiteb email ta' tfakkira lill-Perit Vassallo ta' Infrastructure Malta u jekk hemm bżonn lis-Sur Frederick Azzopardi.<br>• Biex titneħħa t-tabella li għandu l-ħanut ta' wara l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu. Kien hemm qbil fuq dan, wara li jiġi identifikat is-sid. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob l-isem tas-sid lill-PA.<br>• Parti mill-għalqa li kellha tkun għal bini fi Triq il-Mitħna tal-Qaret inbiegħet lill-terzi persuni. Jeħtieġ li jkun infurmat il-konsulent tal-Kunsill fuq dan.<br>• Intalbet sleeping police fi Triq il-Kunċizzjoni, minħabba l-ilmijiet li jgħaddu. Il-Kunsill ma qabilx.<br>• Is-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ ser jorganizza night hike miż-Żurrieq għall-Imdina fejn ser jieħdu biċċa pudina u kafe. Il-prezz ikun ta' 5Euro kull persuna. Lura, n-nies ser jinġibu bil-coach imħallas mill-Kunsill.<br>• L-attivita' ta' father Christmas li jdur mat-toroq taż-Żurrieq, ser terġa ssir. Data titħabbar aktar tard.<br>• Fit-22 ta' Diċembru, ser isir il-party tat-tfal tal-Milied li ser isir fis-sala taż-Żurrieq Wolves bla ħlas. L-ikel jinxtara mil-Klabb għall-prezz ta' 5Euro kull persuna. Ser jinxtara rigal żgħir għal kull min jinkiteb. Dettalji tal-ħlas għall-applikazzjonijiet ser jitħabbru wara li jiġu kkalkulati l-ispejjeż tar-rigali. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***28.7*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 28.7.1 | | Ġie ppreżentat u approvat ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena, imħejji mill-accountant tal-Kunsill. |
| | | |
| 28.7.2 | | Kien hemm qbil unanimu li s-seduta tkompli, biex ikunu lesti l-punti kollha fl-aġenda. |
| ***28.8*** | | ***Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa*** |
| | | |
| ***28.8°*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 28.8a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>Fl-aħħar seduta kienet tressqet proposta biex fi Triq San Martin il-parti fejn hemm il-parkeġġ, titkabbar sar roundabout. Dan sabiex jonqos il-periklu li kulħadd jgħaddi minn fuq ir-roundabout daqs li kieku m'hemm xejn u b'hekk jiżdied ukoll il-parkeġġ, peress li żdiedu ħafna aktar resident. Fl-aħħar seduta ma kienx hemm qbil. Ftit jiem ilu s-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet avviċinata minn PW fejn qalu li jekk il-Kunsill jaċċetta x-xogħol isir bla ħlas mill-ħaddiema tal-PW stess. Ma kienx hemm qbil. |
| | | |
| 28.8a.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawk l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• L-għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria qed titlob li is-Sezzjoni żgħażagħ tagħha jtellgħu wirja ta' presepji fil-Mitħna tax-Xarolla. L-applikazzjoni intliet diġa. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• L-għaqda MG Car Club Malta qed titlob li ittellgħa attivita ta' show ta' karozzi u l-għan tagħha hu li jinġabru fondi għal-Karita. Il-Kunsill qabel li ssir fi Triq P P Saydon.<br>• Intalbet bankina dejqa fi Triq il-Ħaddiema minħabba l-periklu tal-vetturi li jgħaddu minn hemm. Ma kienx hemm qbil.<br>• Iż-Żurrieq FC jippubblikaw kalendarju kull sena u qed jitolbu li l-Kunsill iħallas paġna minnhom li tiswa 200Euro u fl-istess ħin jagħmel paġna ta' informazzjoni fuq il-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan. Reklami fuq kotba tal-festi ma kienx hemm qbil li jingħataw, jekk jiġu mitluba.<br>• Biex jingħata isem lill-isqaq fi Triq Ħal Far. Kien hemm qbil li jissemma – Sqaq iż-Żebbuġa.<br>• Persuna miż-Żurrieq tixtieq toffri dgħajsa tas-sena 1923, bi prezz ta'1,500Euro li kienet tintuża mill-familja tiegħu. Tali dgħajsa jixtieq li titpoġġa ġo post prominenti fiż-Żurrieq. Is-Segretarju ssuġġeriet li tali dgħajsa titpoġġa fir-roundabout ta' Vjal ix-Xarolla qabel taqbad il-Mitħna tax-Xarolla. Hemm xi ħaġa simili fit-triq lejn iż-Żejtun. Ma kienx hemm qbil fuq xiri ta' din id-dgħajsa.<br>• TM approvat li Triq il-Ħaddiema tiġi two way traffic u li Triq Sant Agatha ma' Triq Hal Far tiġi one way traffic. Tali tabelli ġew ordnati u twaħħlu.<br>• Green Pak infurmaw li mil-25 ta' Ottubru, 2021 mhux ser jibqgħu jagħtu servizz bla ħlas fuq ġbir ta' skart lil tal-ħwienet. Jekk il-Kunsill ikun irid jibqa jagħti tali servizz irid iħallas 118Euro fil-ġimgħa. L-ispiża tlaħħaq is-6,136Euro fis-sena. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil li jiġi avviż fil-Kunsill News, li l-Kunsill qed iħallas ta' dan. Kien hemm qbil li il-Kunsill iħallas.<br>• Fir-rigward ta' talba minn resident fi Triq Bronja biex tiċċaqlaq il-crossing li hemm quddiem il-garage tiegħu, TM issuġġerew li jew titneħħa il-crossing kompletament, jew li tiġi mibnija bankina man-naħa tal-ħanut tal-merċa u l-crossing tiġi spustjata quddiem il-ħanut, jew li l-crossing tkun spustjata aktar 'l fuq lejn Triq Alessandru. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fis-seduta preċedenti l-Kunsill kien qabel li jagħmel crossing quddiem l-ispiżerija ta' Triq Bronja u jista juża tali permmess u l-istess crossing tkun spustjatha hemm. Il-Kunsill ma qabilx li din titneħħa minn fejn qedgħa.<br>• Il-Kumpanija li magħha l-Kunsill għandu l-assikurazzjoni Island Insurance Brokers Ltd ingħaqdet ma' kumpanija oħra u ġiet imsemmija Antes Insurance Brokers Ltd. Il-kundizzjonijiet għadhom l-istess.<br>• Bżonn ta' U bar quddiem ħanut ġdid f'Misraħ Repubblika. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Persuna nieqsa parzjalment mid-dawl qed titlob li ssir zebra crossing minn quddiem il-ħanut Convenience għal grawnd. Kien hemm qbil li ssir. |
| | | |
| 28.8a.3 | | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li ta' kull sena jiġu eliminati oġġetti li ma għadhomx jintużaw fil-Kunsill, jew għax ikunu inkissru jew għax ma jibqgħux jaħdmu. Hi ressqet lista ta' dawn l-affarijiet li inxtraw bejn is-sena 1994 u s-sena 2019 biex jinqatgħu mill-kotba tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 28.8a.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-Dipartiment tal-Gvern lokali ħareġ skema ta' fondi ta' manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill Gvern Ċentrali mis-sena 2011 'l hawn. Skema SPI.SCI.7.2021.<br>Kien hemm qbil li jiġi ċċekjat meta ser Ġnien il-Ġibju u japplika għall-manutenzjoni tiegħu. |
| | | |
| 28.8a.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li inħarġet skema mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-inklużjoni u l-Kwalita tal-Hajja, li ser taghlaq fl-1 ta' Novembru. Il-Kunsill jista japplika għall-fondi fuq Proġetti ta' għarfien immexxija minn Persuni b'diżabilita u inizjatti żviluppati flimkien ma' persuni b'diżabilita. Is-Sindku qalet li ser tagħmel laqgħa mas-sotto kumitat tal-persuni b'diżabilta biex jinħarġu proposti u l-Kunsill ikun jista japplika għalihom. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| 28.8a.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wasal iż-żmien li l-post tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv jiġi mġedded. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv taż-Żurrieq hi s-Sinjura Francesca Camilleri. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **28.9** | | **Estenzjoni ta' Kuntratti –**<br>**KN67/02/17- Supply of printed Material**<br>**PS67/03/17 – Supply of Printed Stationery** |
| | | |
| 28.9.1 | | Minħabba li t-tender ta' Stationery u Printing of material ser tinfetaħ għada u tiġi aġġudikata fis-seduta li jmiss, intalbet estenzjoni ta' imqar xahrejn biex ix-xogħol li għaddej bħalissa jitkompla mill-istess kuntrattur. Kien hemm qbil fuq dan. |
| ***28.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI, TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 28.10.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali numru 48 u tal-Gal Xlokk numru 118, u Reġjun Nofsinhar numru 51. |
| | | |
| ***28.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 27.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' **€78,207.94**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Kyle Mifsud u Marisa D'Amato. |
| | | |
| ***27.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 27.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-22:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 17ta' Novembru, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _17__ ta' NOVEMBRU, 2021

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**